TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru. 48

Kaz Nru. 58

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sinjorina Rita Ebejer
u
Messrs. Atlas Hotel,
St. Andrews.

Data : 17 ta' Lulju, 1979.

Chairman : C.J. Mallia.

Fid-19 ta' April, 1979, is-Sinjorina Rita Ebejer kitbet lill-Ministru tax-Xoghol, Kultura, u Ghajnuna Socjali li hija kienet giet imkeccija mill-Atlas Hotel, li hi kienet thoss li din it-tkeccija kienet ingusta, u li ghalhekk talbet li l-kaz taghha jitressaq quddiem it-Tribunal Industrijali. Il-Ministru rreferit il-kaz lil dan it-Tribunal fit-8 ta' Mejju, 1979, taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976.

2. Smigh, partijiet, u xhieda. Il-kaz instemgha f'erba seduti. Miss Ebejer kienet assistita mis-Sur Maurice Agius. Ghall-Atlas Hotel dehru s-Sur Edwin Magri, General Manager, u s-Sur Charles Yeomans, Manager. Instemghet ix-xhieda bil-gurament ta' : Mrs. Lola Petroni (Housekeeper), is-Sur Gilbert Grima (in charge of Reception), u Mrs. Mary Vella (Chambermaid/Cleaner), it-tlieta xhieda migjubin mill-applikanti, Miss Rita Ebejer. L-istess Miss Ebejer, kif ukoll is-Sur Charles Yeomans, Manager ta' l-Atlas Hotel, offrew ukoll ix-xhieda taghhom bil-gurament. Ghall-ahhar seduta, dik tat-3 ta' Lulju, 1979, ghall-Atlas Hotel ma deher hadd, u ghalhekk ma setghax isir il-kontro-ezami tas-Sur Charles Yeomans bil-gurament kif kien propost.

/2. .....

Izda sa tlett ijiem wara s-Sur Yeomans apologizza ghall-assenza tieghu, li kienet dovuta ghal malintiz, u pprezenta s-sottomissjonijiet finali ta' l-Atlas Hotel bil-miktub. It-Tribunal accetta li jiehu dawn is-sottomissjonijiet in konsiderazzjoni, fil-waqt li jzomm quddiemu li l-parti l-ohra ma kelliex ic-chance, kif kien dritt taghha, li tezamina lil Mr. Yeomans bil-gurament u li tirreplika ghall-ahhar sottomissjonijiet ta' l-employer.

3. Il-kaz. Is-Sinjorina Ebejer kienet giet impjegata ma l-Atlas Hotel ta' St. Andrew's Road, St. Andrews, fl-20 ta' Marzu, 1978, bhala Chambermaid/Cleaner. Inqas minn sena wara, fl-1 ta' Frar, 1979, inqala incident dwar transport f'jum meta ma kienx hemm servizz regolari ta' trasport pubbliku, u wara tilwima l-Manager kecca lil Miss Ebejer. L-incident kien li, billi dik inhar Miss Ebejer kien ser ikollha ddum sal-5.45p.m. (flok sat-3.45p.m.) u dan taht 'roster' temporanju li kien ghadu kif ordna l-Manager, hi staqsiet lill-Manager kif ser tmur id-dar. Dan hada hazin, tlewmu, u qalilha li jekk titlaq fit-3.45p.m. l-ghada tista' ma tmurx ghax-xoghol. Hawn ta' min josserva dawn il-fatti:

(i) Kien hemm strike tat-trasport pubbliku, u dak il-hin f'dik il-lokalita' t-trasport ta' l-emergenza ma kienx ta' min jorbot fuqhu.

(ii) Fl-1 ta' Frar fil-5.45p.m. ikun dalam seww.

(iii) L-Atlas Hotel qeghda go St. Andrew's Road, St. Andrews, u parti mit-triq lejn tas-Sliema hija dizabitata.

(iv) Miss Ebejer kienet toqghod fi Viani Street tas-Sliema, fejn jinghad li hu xi 2½ mili l-boghod u xi 20 - 25 minuta mixi l-boghod.

4. L-attitudni tal-Management. Hareg mhux biss mill-istqarrija ta' l-istess Sur Yeomans, imma anke minn xhieda ohra, li s-Sur Charles Yeomans, bhala Manager ta' l-Atlas Hotel, kien pjuttost liberali. Kien zied il-pagi, ta bonus extra ta' £30, kien spiss jipprovdi transport (taxis, ecc.) ghall-impjegati (li gie li swielu £44 f'xahar), ma kienx jaqta' paga lil min jasal tard jew jitlaq ftit kmieni biex jilhaq 'lift', u kien jipprovdi ikel b'xejn. Ghalhekk, kontro dan il-background, ma tantx jiftihem l-atteggjament tieghu, dik inhar ta' l-1 ta' Frar, 1979, meta Miss Ebejer ghamlet it-talba mhux irragjonevoli kif, f'dawk ic-cirkostanzi, hi kienet ser tmur id-dar. Ir-reazzjoni tieghu ma tantx tista tigi spjegata, hlief bhala frott ta' rabja u pika, u dawn kienu ukoll xi ftit gustifikati mill-agir tas-Sinjorina Ebejer. Din uriet ruhha insubordinata, u anke min ikollu bicca ragun din ma jehodix billi jghajjat mal-principal quddiem nies ohra.

5. Obbligu ta' transport. Huwa fatt li s-Sur Charles Yeomans dahal ma' l-Atlas Hotel wara Miss Ebejer, hija fl-20/3/78 u huwa fit-8/8/78. Huwa veru wkoll li Mr. Yeomans, meta dahal fl-Atlas Hotel bhala Manager, sab il-ftehim ta' qabel, bejn il-lukanda u l-istaff, u dan ma kien isemmi ebda transport. Izda huwa wkoll xejn inqas veru li meta dahlet xhur qablu Miss Ebejer din kienet sabet li kien hemm lifts. Hi xehdet li hi kienet fehmet minn ghand il-Housekeeper, Mrs. Petroni, li dejjem ser ikolla lift ghax-xoghol. U difatti hekk kien, sa kemm darba is-Sur Gilbert Grima, li kien jipprovdi t-transport bil-kar tieghu, qalilha li dan kien jaghmlu bi pjacir u mhux b'dover. Fic-cirkostanzi kolla, johorgu dawn ~~l-erba~~ il-hames punti:

(a) Billi transport b'mod jew iehor dejjem kien jigi provdut, Miss Ebejer kella ragun tassumi li anke dik inhar ta' l-l ta' Frar, 1979, seta jigi provdut ukoll.

(b) Ic-cirkostanzi ta' dak il-jum (hin, stagun, bus-strike, ecc.) kienu jiggustifikaw aktar mis-soltu li jigi provdut transport.

(c) Il-Management, li dejjem kien aktar minn ragonevoli, dak inhar setgha ragjonevolment jipprovdi transport.

(d) Miss Ebejer ma kella ebda dritt tghajjat mal-Manager, speċjalment quddiem in-nies.

(e) Il-Management, minn-nahha tieghu, ma kienx gustifikat fuq dan l-incident li jirrikorri ghal kastig estrem tat-tkeccija, u din minghajr numru ta' warnings kif mehtieg. Hawn jigi osservat ukoll li dak ir-roster li l-Management kien ghamel (ghar-ragunijiet li t-Tribunal iqies validi) ghamlu minghajr ma kkonsulta l-istaff kif imissu. It-Tribunal ghadu kif osserva, ftit aktar minn xahar ilu (Decizjoni Nru. 45), li, fil-waqt li kumpannija, fabbrika, jew lukanda, ecc., huma tal-proprijetarji taghhom, ix-xoghol u l-kondizzjonijiet tax-xoghol (hinijiet, ecc.) huma tal-haddiem.

6. L-impieg. Billi l-partijiet quddiem dan it-Tribunal ikunu kwazi dejjem godda, it-Tribunal ikollu jirripeti li l-impieg huwa ghajxien u ghalhekk huwa sagru; li ghalhekk ma jistax jintemm mis-sid hlief ghal raguni serja u bizzejjed; u li anke hekk, qabel jintemm, iridu jkunu inghataw numru ta' twissijiet bil-miktub jew bix-xhieda.

/5. .....

7. Talbiet. It-talbiet ta' l-applikanti Miss Ebejer huma:

(1) Li t-tkeccija taghha tigi dikjarata ingusta.

(2) Li hi tinghata lura l-istess impieg li kellha.

(3) Li tithallas il-paga shiha ghaz-zmien kollu li ila wieqfa mix-xoghol.

(4) Li tiehu dik iz-zieda fil-paga li inghatat kemm ila barra hi.

(5) Li tiehu wkoll il-bonus extra li inghata lill-ohrajn.

(6) Li l-hlasijiet imsemmija taht (3), (4) u (5) hawn fuq jithallsu bl-inghaxijiet xierqa.

8. Konkluzjoni. In vista ta' dak kollu li ntqal, it-Tribunal isib limitatament favur l-applikanti, u jikkonkludi li t-tkeccija ta' Miss Rita Ebejer mill-Atlas Hotel ma kienetx gusta.

9. AWARD..Ghalhekk it-Tribunal jordna kif gej:

(1) Miss Rita Ebejer ghanda terga tinghata lura l-istess impieg li hi kellha bhala Chambermaid/ Cleaner ma' l-Atlas Hotel, bl-istess kundizzjonijiet, drittijiet u seniority li kellha, u dan min-nhar it-Tnejn, 23 ta' Lulju, 1979.

(2) L-Atlas Hotel ghanda thallas lil Miss Rita Ebejer, mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu, 1979, is-somma ta' £M200 (mitejn lira maltin), bhala kumpens ghal paga mitlufa, ikkalkolata b'element

ta' sospensjoni mill-impieg b'nofs paga bhala kastig dixxiplinarju kontra Miss Ebejer talli ghajtet mal-principal quddiem in-nies.

(3) It-Tribunal jikkoncedi ukoll lill-applikanti Miss Ebejer it-talba taghha li hi tibda tiehu z-zieda fil-paga li inghatat kemm hi kienet ila wieqfa mill-impieg, u dan mit-23 ta' Lulju, 1979.

(4) It-Tribunal jichad it-talbiet ta' l-applikanti Miss Ebejer dwar bonus u inghaxijiet.

(C.J. Mallia)
Chairman

(A. Bartolo Parnis)
Segretarju

17 ta' Lulju,1979.

em